**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 971/2023 RM**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**-Vs-**

**JORGE GARCIA LAFUENTE**

**Illum, 22 ta' Novembru 2023**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JORGE GARCIA LAFUENTE**, ta' sitta u erbgħin (46) sena, iben Lorenzo u Domenica, imwieled ġewwa Spanja nhar it-13 ta' Settembru 1977, mingħajr indirizz fiss f'Malta, detentur tal-karta tal-identita' Spanjola numru 48298957S, akkużat talli fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 2023 bejn l-Erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00pm) u l-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm), ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja u/jew f'postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin ;

1) Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (Cannabis Resin) f'Malta, mingħajr ma kellu

ebda permess w awtorizazzjoni, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ;

2) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (amphetamine) f'Malta, mingħajr ma kellu ebda permess w awtorizazzjoni, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta ;

3) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kien fil-pussess ta' xi 0.5 grammi, jew ammont ieħor inqas minn 300grammi, ta' mediċina perikoluza (amphetamine) f'Malta, mingħajr ma kellu ebda permess w awtorizazzjoni, bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta ;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni mogħtija fit-22 ta' Novembru 2023 mill-Avukat Ġenerali għall-fini tas-subartiklu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), biex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi kontra tiegħu  għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat l-Ordni wkoll mogħtija fit-22 ta' Novembru 2023 mill-Avukat Ġenerali għall-fini tas-subartiklu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), biex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Semgħet lill-imputat iwieġeb waqt l-eżami li huwa ħati tal-akkużi;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin sabiex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli li hija ta' priġunerija effettiva.

Rat id-dokumenti prodotti flimkien mal-akkuża fosthom l-esebiti kontenenti suspettat droga (Dok. RT1, Dok. RT2 u Dok. RT3);

Rat l-atti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2023;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u bis-salvagwardji kollha li tesiġi l-liġi fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessa.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fuq kollox il-fatt illi għalkemm huwa minnu li l-imputat daħħal f'Malta mediċina perikoluża li hija kontrollata mil-liġi (*cannabis resin*) kif ukoll mediċina psikotropika (*amphetamine*) u dan mingħajr ebda awtorita' jew permess skont il-liġi, li il-kwantita' ta' droga tant huwa wieħed żgħir (0.5 gramma) illi hu evidenti, anke kif konċess mill-Prosekuzzjoni, li dan kien għall-użu personali esklussiv tal-imputat li ġie Malta għal vakanza. Jirriżulta wkoll u hemm qbil f'dan is-sens, illi l-imputat iko-opera bis-sħiħ mal-

Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom u mhux biss ammetta l-ħtija tiegħu minnufih iżda wkoll kien hu stess li żvela lill-Pulizija l-fatt li uħud mill-prodotti li kienu mħalltin bid-droga. Qieset għalhekk ukoll l-ammissjoni bikrija u għalhekk kollox magħdud, m'hijiex sejra teroga piena wisq oneruża.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 5 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985, L.S. 31.18), u l-artikoli 7, 8, 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 1010 tal-Liġijiet ta' Malta), fuq ammissjoni ssib lil JORGE GARZIA LAFUENTE ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah multa ta' seba' mitt Euro (€700).**

**Tordna wkoll il-konfiska tad-droga (esebiti Dok. RT1, Dok. RT2 u Dok. RT3) favur il-Gvern, u l-oġġetti hekk konfiskati għandhom jinqerdu mir-Reġistratur tal-Qorti, wara li jsir proċess verbal li jkun fih deskrizzjoni preċiża tal-oġġetti rilaxxati, il-kwantità u l-kwalità tagħhom.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jimplementa l-ordni għad-distruzzjoni tad-droga.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**